MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1439/1993/1

**Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Industrial Motors Limited, u b'nota tat-13 ta' Gunju 1994 Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti tal-kawza minflok Noel Ellul.**

**-vs-**

**James Gollcher u Karl Gollcher, bhala diretturi, in rapprezentanza tas-socjeta` O. F. Gollcher & Sons Ltd., agenti Malta ta' Nippon Yusen Kaisha NYK Line, armaturi tal-vapur Nosac Tai Shan**
**U Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` Industrial Motors Limited importat mill-Gappun tmienja u ghoxrin (28) vettura tal-marka Mitsubishi fuq il-vapur NOSAC TAI SHAN u mill-*invoice* u *packing lists* annessi mac-citazzjoni u mmarkati rispettivament bhala Dok. 3 u Dok. 4;

Premess illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fis-27 ta' Ottubru 1992 (Dok. 5 u Dok. 6) meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi fuq imsemmija, irrizulta li kien hemm in-nuqqas u hsarat li huma elenkati fis-Schedule ta' l-Information Form ta' l-Institute of London Underwriters datat 23 ta' Novembru 1992 anness u markat bhala Dok. 7;

Premess illi ghal dan in-nuqqas u hsara l-assikurazzjoni attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' tmien mija wiehed u tmenin lira (Lm881) li minnhom tliet mija erbgha u sittin lira (Lm364) kienu *survey fees*, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici kif jirrizulta mis-surroga annessa mac-citazzjoni datata 23 ta' Frar 1993 u markata Dok. 8;

Premess illi l-konvenuti *nomine*, jew mim minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine*, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur *nomine* is-somma ta' tmiem mija wiehed u tmenin lira (Lm881) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur *nomine*, bl-interessi mit-23 ta' Frar 1993 fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ghandu jigi esibit l-allegat kuntratt jew ftehim ta’ agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assiguratrici estera;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta’ LM517.00,0 lill-Industrial Motors Ltd., u l-polza ta’ l-assigurazzjoni relattiva;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall premess, is-*survey* esebit ghandu jigi sfilzat la huwa maghmul “ex parte” u kwindi mhux ammess bhala prova;

4. Illi di piu fil-meritu l-impurtatur nnifsu ffirma l-Gate Pass Out tramite r-rapprezentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija “*in good order and condition*” bla ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 t’Awissu, 1992 fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86), Qorti ta’ l-Appell, is-socjeta` konvenuta m’hijiex risponsabbli ghall-allegati hsarat;

5. Illi fit-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ammont huwa ghal kollox esagerat stante li l-ammont ta’ LM364.00.0 bhala *survey fees* saru propju mis-socjeta` attrici propju u m’hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess u dana skond sentenza datata 6 t’April, 1993 fil-Qorti ta’ l-Appell Sede Kummercjali fi-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 112/86);

6. Illi apparti l-premess, u bla pregudizzju ghall-istess dak li huwa deskritt bhala *survey fees* u fic-citazzjoni f'dik is-small claim information form huwa bhala "agency fees" f'Dok. 7 u bhala spejjez propio tas-socjeta` attrici ma' jistghux jigu riklamati kontra l-esponenti *nomine* li mieghu l-esponenti *nomine* m'ghandu ebda relazzjoni giuridika u dan ai termini tas-sentenza gia citata;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Godwin Abela *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher *nomine* illi fiha huma eccipew:-

1. Illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti *nomine* t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti *nomine* mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu s-*survey fees* stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et);

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru. 112/86 – 6/4/92 – Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et);

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-responsabilita` ta' l-eccipjenti *nomine* hija limitata skond il-polza tal-kariku;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Mill-provi rrizulta illi s-socjeta` importatrici Industrial Motors Limited importat f'Malta numru ta' vetturi tal-marka "Mitsubishi". Dawn gew trasportati fuq il-vapur NOSAC TAI SHAN in forza ta' poloz tal-kariku, esebiti mis-socjeta` konvenuta O. F. Gollcher & Sons Limited, agenti ta' l-armaturi tal-vapur, a fol. 28 u 30 tal-process;

Irrizulta inoltre li fil-mument meta s-socjeta` importatrici marret biex tirtira l-vetturi mill-kustodja tal-Cargo Handling Co. Ltd. gew kostatati danni u/jew nuqqasijiet f'uhud minnhom. Ara xhieda ta' Anthony Grech (fol. 41) u l-elenku dettaljat fis-survey report (fol. 13);

Is-socjeta` konvenuta O. F. Gollcher & Sons Ltd. tiddefendi l-posizzjoni taghha fuq is-sahha ta' zewg dokumenti principali u cioe` it-Tally Sheet (fol. 32) u r-rapport tal-Cargo Surveyor Oliver Losco (esebit a fol. 97) inkarigat minnha;

It-tally clerk Anthony Gravino (fol. 88) ikkonferma li t-tally sheet, iffirmat minnu biss, kien juri li l-vetturi in kwistjoni nizzlu bla hsarat gjaladarba ma saru l-ebda rimarki dwarhom. F'dan hu sostenut minn Oliver Losco (fol. 100) li fir-rapport tieghu iddikjara li l-vetturi "*were found in apparent good condition*". Dan ix-xhud jikkonferma illi hu jezamina l-karozzi qabel ma dawn jinzlu mir-rampa tal-vapur;

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. tikkampa l-linja difensjonali taghha fuq

il-prova dokumentali tal-Gate Pass Out (erba' (4) f'dan il-kaz ilkoll esebiti a fol. 54 u 55 tal-process). Skond Peter Bonello (fol. 95), ix-xhud ewlieni ta' din il-kumpanija, dawn il-gate passes out jevidenzjaw illi l-vetturi gew konsenjati "*clean*" billi fuqhom ma gew rimarkati l-ebda hsarat jew nuqqasijiet. Fil-kaz ta' dawn id-dokumenti portwali dawn kienu iffirmati mid-delivery clerks tal-kumpanija kif ukoll mir-rapprezentant tas-socjeta` importatrici fil-persuna ta' Carmelo Mangion. Ara xhieda ta' l-istess Peter Bonello konfermata wkoll mid-deposizzjoni ta' Anthony Grech (fol. 47);

Biex jigi kompletat il-kwadru ghal dawk li huma provi jirrizulta illi s-socjeta` attrici qua assikuratrici ta' l-importatur hallset lil dan ta' l-ahhar is-somma ta' hames mija u sbatax-il lira Maltija (Lm517) u fil-fatt giet f'dan l-ammont surrogata (fol.14). Hallset ukoll *survey fees* fl-ammont dikjarat a fol. 12 ta' tliet mija u erbgha u sittin lira (Lm364), fil-kors tal-kawza, b'nota separata (fol. 87), ridott ghal mitt lira Maltija (Lm100);

L-ewwel kostatazzjoni li temani minn evalwazzjoni ta' dawn il-provi hi dik li ma tistax tigi addebitata l-ebda responsabilita lil vapur ghad-danni riskontrati fil-vetturi. Huwa veru li c-cargo surveyor Oliver Losco juza t-terminologija "*in apparent good condition*" izda din, salv prova kuntrarja, tibqa' presunzjoni qawwija tal-fatt li l-vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur f'dik il-kondizzjoni. Li jfisser allura li l-Qorti ghandha tikkonkludi illi in mankanza ta' tali prova mill-parti li trid twaqqaghha, il-karozzi nhattu f'kundizzjoni tajba;

Kwantu ghal qaghda tas-socjeta` portwali The Cargo Handling Co. Ltd. din tistrieh eskluzivamet fuq id-dikjarazzjoni kongunta bejnha u l-importatur fil-Gate Pass Out rigward il-kondizzjoni li fihom gew konsenjati l-vetturi fil-mument li gew rilaxxjati minn taht il-kustodja taghha. Hi ssostni illi gjaladarba ma gew apportati l-ebda rimarki fuq dawn id-dokumenti allura, u *quod erat demonstrandum*, il-karozzi gew hekk konsenjati "*in good order and condition*" kif testwalment espress fuqhom;

Sa hawn dan l-argument hu gustifikat u kien ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova sufficjentement li dawn id-dokumenti kienu zbaljati f'dak li gie fihom certifikat. Prova li serjament tpoggi fid-dubju u timmina l-attendibbilita` ta' dawn id-dokumenti. ("**Leslie Causon *nomine* -vs- James Gustav Gollcher *nomine* et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001);

Fil-fehma tal-Qorti, minkejja dak kollu li kienu jindikaw il-Gate Passes Out, kien hemm provi sufficjenti li juru li:

(i) filwaqt li l-vetturi kienu ghadhom fuq il-moll u allura taht il-kustodja tal-Cargo Handling dawn gew ezaminati minn surveyor indipendenti li ccertifika l-istat u l-kondizzjoni taghhom fil-mument tar-rilaxx taghhom lis-socjeta` importatrici;

(ii) fl-ebda mument fil-kors tal-proceduri din is-socjeta` konvenuta ma hasset li kellha tikkontesta l-kontenut ta' l-istess survey, izda sempliciment illimitat ruhha ghat-talba kontenuta fit-tielet eccezzjoni taghha illi s-survey jigi sfilzat billi kien *ex parte.* Talba bhal din, aktar u aktar fl-evoluzzjoni tad-disposizzjonijiet procedurali, ma ssib l-ebda soljev jew adezjoni;

Din il-passivita` ma tistax titqies ragjonevoli bizzejjed biex tinficja s-survey report jew li tmeri s-sewwa maghruf, f'liema kaz il-presunzjoni *juris tantum* li suppost hi prova tal-kontenut tal-Gate Pass Out titfarrak ("**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- Godwin Abela et noe et**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Importanti fuq kollox il-bosta senjalazzjonijiet li saru mill-Qrati taghna f'kawzi b'meritu identiku ghal dak hawn ezaminat. *Inter alia* gie konsistentement ritenut f'bosta decizjonijiet ta' dan l-ahhar snin "illi l-proceduri fil-port ghar-rilaxx tal-merkanzija f'certu zmien storiku ben definit kienet tali illi kienet timponi fuq l-importatur illi, biex jizdogana l-merkanzija mill-Port u johodha minn taht idejn is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, kien jehtieglu jaccetta r-rilaxx ta' '*clean gate pass out*', nonostante li gew verifikati nuqqasijiet u hsarat fil-

merkanzija. Dan hu proprju wehed minn dawk li sehhew dak iz-zmien u l-provi adegwatament juru bla ebda dubju c-cirkustanzi li fihom is-socjeta` assigurata mad-ditta attrici kienet obbligata u kostretta li tirtira l-vetturi." (**"Noel Ellul *nomine* -vs- Joseph Apps noe et noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001). Il-kaz *de quo* sfortunatament irceva wkoll l-istess trattament;

Kwantu ghal dak li jikkoncerna s-*survey fees* hi ormaj gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi kienet tikkunsidrahom "bhala spiza accessorja u necessarja inkorsi biex jigu stabbiliti d-danni reklamati u ghalhekk kellhom huma stess jitqiesu bhala danni rizarcibbli minn min kien tenut responsabbli ghal hlas taghhom" ("**Avv. Dottor Robert Staines *nomine* -vs- James Gollcher et noe et**", Appell, 30 ta' Marzu 2001);

Mill-banda l-ohra dawn l-istess *survey fees*, kif rilevat ukoll f'gurisprudenza pacifika "kellhom ikunu relatati mal-volum tal-merkanzija li tirrizulta danneggjata b'nuqqasijiet jew hsarat" ("**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- James Gollcher et noe et**"), Appell, 9 ta' Frar 2001;

Il-Qorti osservat illi l-attur *nomine* irreduca l-ammont originarjament mitlub ghal dawn is-*survey fees* u gabu konformi proporzjonatament ma' l-ammont ta' vetturi li fil-fatt irrizultaw danneggjati. Naturalment din ir-riduzzjoni ggib maghha temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lil konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher *nomine* minn kull responsabilita` ghad-dannu riskontrat, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, tiddikjaraha unikament responsabbli ghan-nuqqas jew hsarat reklamati fl-att tac-citazzjoni. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif ridotta fl-ammont ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617) in linea ta' danni u *survey fees*, bl-imghax fuq dan l-ammont mid-data tan-notifika

tac-citazzjoni (7 ta' Jannar 1994) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu kwantu ghal kwart minnhom mis-socjeta` attrici u kwantu ghal tliet kwarti mis-socjeta` konvenuta sokkombenti.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur